MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 366/2011

**A B**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku; C D; E F;**
**G u H ahwa D kjamati in kawza u I *sive* J B nominata kuratrici *ad litem* b' digriet tad-29 ta' Novembru 2012**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu wara li ppremettiet:-

1. ILLI r-rikorrenti u l-konvenut C D zzewgu f'Malta fl-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) u llum huma legalment separati minn xulxin, u dan permezz ta' kuntratt ta' firda konsenswali datat is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar;
2. ILLI matul iz-zwieg taghhom ir-rikorrenti weldet:

(I) tarbija ta' sess feminili, bl-isem ta' G, fl-erba' u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) u dana kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid taghha li jgib n-numru progressiv ta' registrazzjoni hams-zero-sitta/tnejn-zero -zero-tmienja (506/2008)

(ii) weldet ukoll tarbija ta' sess makili bl-isem ta' H fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u disa' (2009) u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-Twelid tieghu li jgib n-numru progressiv ta' registrazzjoni wiehed-tnejn-wiehed-tmienja/tnejn-zero-zero-disa' (1218-2009)

3. ILLI meta l-minuri G u H, maghrufa bil-kunjom D gew koncepiti, ir-rikorrenti u l-konvenut C D ma kellhomx relazzjonijiet intimi bejniethom bejn it-tlett mitt u l-mija u tmenin (180) jum qabel it-twelid taghhom, stante illi kienu mifrudin 'de facto' minn xulxin, u kienu qeghdin jghixu separatament minn xulxin, wara li z-zwieg taghhom kien sfaxxa rrimedjabilment snin qabel;

4. ILLI ghalhekk, ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri hemm iddikjarat illi l-missier tat-trabi kien il-konvenut C D, fil-fatt il-minuri G u H gew koncepiti fil-kors ta' relazzjoni extra-matrimonjali li l-istess rikorrenti kellha mal-konvenut l-iehor EF;

5. ILLI l-istess EF, huwa surgent fil-Forzi Armati ta' Malta, huwa iben il-mejjet Leo, u Rita nee' Theuma, twieled il-Pieta u joqghod il-Fgura u jiddetjeni l-karta tal-identita' bin-numru 0148174M;

6. ILLI ghar-ragunijiet premessi, il-konvenut C D ma jistax ikun il-missier naturali tal-minuri G u H, u billi pero' l-imsemmija minuri t-tnejn twield entru-t-terminu stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Kodici Civili, huma gew registrati mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, fl-Att tat-Twelid relattiv, bhala wild il-konvenut C D,

7. ILLI r-rikorrenti ghandha interess illi tigi dikjarata l-paternita' rejali tal-minuri G u H;

8. ILLI l-paternita' veritjera tal-minuri G u H diga' giet stabilita permezz ta' testijiet genetici

9. Ir-rikorrenti inoltre tiddikjara illi l-fatti suesposti kollha a diretta konoxxenza taghha.

Talbet lill-Qorti:
1) Tiddikjara illi l-konvenut EF huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri G u H, u mhux il-konvenut l-iehor C D;

2) Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri G (Att Numru hamsa-zero sitt (506) tas-sena elfejn u tmienja (2008) billi (i) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier, tikkancella l-isem C D u tissostitwih bl-isem EF, u billi (ii) fl-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom l-omm tikkancella l-kliem "The said", u billi (iii) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom it-tarbija tikkancella l-kunjom D u tissotostitwih bil-kunjom F;

3) Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri H (Att Numru wiehed-tnejn-wiehed-tmienja (1218) tas-sena elfejn u disa' (2009) billi (iv) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier, C D tikkancella l-isem C D u tissostitwih bl-isem EF, u billi (v) fil-kolonna fejn jemm indikat isem u kunjom l-omm, tikkancella l-kliem "The said", u billi (vi) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom it-tarbija, tikkancella l-kunjom D u tissostitwih bil-Kunjom F.

Minghajr ma l-ispejjez tal-kawza jigu akkollati lill-konvenuti.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista' ta' dokumenti tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa:
1. ILLI fl-ewwel lok huwa indispensabbli ghall-integrita' tal-gudizzju li jigu msejha fil-kawza l-minuri G u H u li ghandhom ikunu debitament rapprezentati minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti;

2. ILLI in vena preliminari wkoll jinghad li stante l-fatt li ghaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri G u H, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex wara li din l-Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri G u H, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mil-istess Qorti ghal-procediment tal-azzjoni odjerna;

3. ILLI bla ebda pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri G u H, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali. Id-Direttur konvenut talab li din il-Qorti tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. ILLI bla hsara ghal-premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tlitt mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri G H kienet wettqet adulterju ma' l-konvenut EF u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lil EF bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri G u H, u dan ai termini tal-artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. ILLI, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri G u H ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghhom li jgibu in-numru ta' skrizzjoni 506 tas-sena 2008 u 1218 tas-sena 2009;

6. Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attrici, id-Direttur jinvita lill-konvenut EF sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita', (3) l-eta' tieghu meta twieldu l-minuri G u H, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-

post ta' residenza tieghu meta twieldu l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldu t-tfal G u H. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferiti G u H;

7. ILLI subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, jehtieg li l-attrici taghzel liema kunjom il-minuri ser izommu.wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

8. ILLI finalment id-Direttur m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur;

Rat ix-xhieda imressqa' mill-attrici.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Novembru 2012 li permezz tieghu ikkjamat in kawza liz-zewg minuri u innominat lil I sive J B bhala kuratrici ad litem taz-zewg minuri.

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla G li twieldet fil-24 ta' Jannar 2008 u t-tifel H li twieled fit-12 ta' Marzu 2009 li fl-att tat-twelid taghhom numru 506/2008 u 1218/2009 rispettivament gew registrati bhala ulied il-konvenut C D jitnizzlu bhala ulied il-konvenut EF.

**Provi**

L-attrici xhedet[1] illi kienet isseparat legalment minn ma' zewgha C D permezz ta' kuntratt ta' firda konsenswali datat 16 ta' Lulju 2008. Qabel din id-data kienet ilha li isseparat de facto minn ma' zewgha u tghix f'residenza separata ghal numru tas-snin u tul dawn is-snin qatt ma kellha relazzjonijiet intimi ma' zewgha.

Il-konvenut C D[2] fl-affidavit tieghu ikkonferma li meta z-zewg minuri gew koncepiti huwa kien ilu s-snin separat de facto minn mal-attrici u ma kellux relazzjonijiet intimi maghha.

Il-konvenut EF[3] xhed illi kienet inbdiet relazzjoni bejnu u bejn l-attrici u kienu intimi fiz-zmien li fih gew ikkoncepieti l-ulied Leone u H. Huwa jaccetta li z-zewg minuri huma uliedu.

Xhedet ukoll Dr Marisa Cassar[4] li kkonduciet it-testijiet tad-DNA. Hi hadet hsieb li tigbor il-kampjuni orali tal-attrici, taz-zewg minuri u tal-konvenut EF. Minn dawn it-testijiet gie ppruvat xjentifikament illi z-zewg minuri G D u H D huma ulied il-konvenut EF.

**Konsiderazzjonijiet**

Fl-ewwel lok jirrizulta li l-kawza ma gietx intavolata fit-terminu legali dettat mill Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 in kwantu l-minuri twieldu fl-24 ta' Jannar 2008 u fit-12 ta' Marzu 2009 u l-kawza giet intavolata fid-9 ta' Jannar 2012.

Ghalkemm l-attrici ma osservatx it-terminu impost bl-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet kollha li l-istat taz-zewg minuri ma jaqbilx mal-kontenut tac-certifikati tat-twelid taghhom u ghalhekk jekk il-Qorti tipprosegwi ghas-sentenza fuq il-

[1] Fol.60

[2] Fol.62

[3] Fol. 64

[4] Fol. 50

provi migjuba m'hu ser jigi lez id-dritt ta' hadd. Ghal kuntrarju ser jigu evitati spejjez doppji u kawza ohra li immankabilment twassal ghall-istess konkluzzjoni bhal dik odjerna.

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu 77B tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:
*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77B fuq citat tirnexxi illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-
1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) ir-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.
2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet qettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.
3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li t-tlett rekwiziti huma sodisfatti.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza sew it-talbiet attrici u sew ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur billi:

1. Tilqa l-ewwel talba attrici u tiddikjara li huwa l-missier bijologiku taz-zewg minuri G u H Jorge F u mhux il-konvenut C D;

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici u tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri G (Att Numru hamsa-zero sitt (506) tas-sena elfejn u tmienja (2008) billi (i) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier, tikkancella l-isem C D u tissostitwih bl-isem EF, u billi (ii) fl-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom l-omm tikkancella l-kliem "The said", u billi (iii) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom it-tarbija tikkancella l-kunjom D u tissotostitwih bil-kunjom F; u

3. Tilqa’ t-tielet talba attrici u tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri H (Att Numru wiehed-tnejn-wiehed-tmienja (1218) tas-sena elfejn u disa' (2009) billi (i) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier, tikkancella l-isem C D u tissostitwih bl-isem EF, u billi (ii) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom l-omm, tikkancella l-kliem "The said", u billi (iii) fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom it-tarbija, tikkancella l-kunjom D u tissostitwih bil-kunjom F.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------